**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 407/2017*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justin Camilleri)**

**-vs-**

**Roderick Sammut, detentur tal-karta tal-identita` numru 395080M**

**Illum:** 29 t'April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Roderick Sammut u cioe` talli:

> Bejn ix-xhur ta' Ġunju u Awwissu tas-sena 2017, minn ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi u f' dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni:

1. Uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter, u/jew uża, ikkopja data, u/jew dokumentazzjoni ta' appoġġ.

2. Għamel output ta' data, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-kompjuter li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun.

3. Ikkopja data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm.

4. Ħa pussess ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ u/jew għamel użu minnhom.

5. Kixef data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm il-darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietu jew b'xi liġi oħra.

6. U aktar fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, minħabba l-istat, professjoni jew kariġa tiegħu, u ċioe' bħala Surġent tal-korp tal-Pulizija, sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, u kixef dan is-sigriet.

7. Talli ukoll fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjeġat pubbliku, ikkomunika jew ippublika dokument jew fatt li kien ġie fdat lilu, jew li ġie magħruf minnu minħabba l-kariġa jew l-impjieġ tiegħu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b' xi mod għin biex jiġi magħruf.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta l-imputat bhala uffiċjal jew impjeġat pubbliku, liema uffiċjal kellu d-dmir jissorvelja biex dawn ir-reati ma jsirux u minħabba l-kariġa tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inkwantu ta' piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti ġiet mitluba biex titratta mal-ħati ai terminu tal-artikolu 337F (2)(a)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a. Fl-Artikoli 17, 23, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 337C (1)(a), 337C(1)(b), 337C(1)(c), 337C(1)(f), 337C(1)(j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl- Artikolu 133 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 337C, 337F(2)(a)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.757

## Preliminari

Illi fl-ewwel lok fuq skorta tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[2] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[3] kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**[4] u **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[5] l-ewwel zewg stqarrijiet tal-imputat,[6] galadarba nghataw minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tal-ghazla tieghu u minkejja li dan id-dritt kien ilu li sar parti mid-dritt procedurali penali, ma ghandhomx aktar valur probatorju. Fl-ewwel zewg stqarrijiet, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-abbli ufficjal prosekutur Vella fit-trattazzjoni tieghu, l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogatarju, kuntrarjament ghal dak li sehh ghaxart ijiem wara meta ttiehdietlu t-tielet stqarrija.[7]

Ikkunsidrat,

Illi l-**Ispettur Justin Camilleri** xehed kif nhar is-16 t'Awwissu, 2017, fuq il-blog tal-gurnalista, illum defunta, Daphne Caruana Galizia, bl-isem

---

[2] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[3] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[4] (Sede Superjuri) Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Agent President, Onor. Imhallef Abigail Lofaro u Onor. Imhallef Giovanni M Grixti; Appeal Nr: 14/2013/1, Deciza 3 t'April, 2019

[5] (Sede Inferjuri) Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

[6] **Dok. JC9** u **JC10** a fol. 208 et seq.

[7] **Dok. JC11** a fol. 215-216

*Running Commentary,* kien itella' artiklu bl-isem *Nationalist Party Leader Contender Adrian Delia Replies to Questions about Anonymous Report to the Police.*[8] Flimkien ma dan l-artiklu kien itella ritratt ta' rapport illi kien juri bic-car li dan kien ritratt mehud mis-sistema tal-pulizija. Il-pulizija kienet bdiet l-investigazzjoni sabiex jigi determinat x'rapport kien u min għadda tali rapport lil terzi. Gie determinat illi rapport kien jirrelata ma rapport bin-numru 2C2280/2016 dwar investigazzjoni li saret mill-pulizija tad-distrett ta' Ħal-Qormi. Kompla li sussegwentament inghatat l-ordni sabiex jsir *audit* intern u jigi verifikat min aċċedda ghal dak ir-rapport. Irrizulta li PS134 Roderick Sammut, l-imputat, aċċedda ghal dan ir-rapport nhar l-14 ta' Gunju, 2017, u li dahal ukoll fuq il-*particulars* ta' Adrian Delia. Irrizulta li l-imputat rega' accedda ghal dan ir-rapport fil-5 t'Awwissu 2017 u darb oħra fit-13 t'Awwissu 2017.[9] Wara tfittxijiet li saru gew elevati xi *devices* min fuq il-persuna ta' PS 134 li dak il-hin kien qed xogħol gewwa l-Ghassa ta' Ħal-Qormi.[10] Stħarriġ li sar min naħa tal-forensika wera li fuq il-mobile phone tal-għamla *Samsung* kien hemm żewġ ritratti ta dan ir-rapport li kienu simili hafna ghal dak li deher fl-artiklu u li kienu jinsabu fis-*sent items* tal-*Whatsapp*.[11] L-ispettur zied jgħid illi fir-ritratt li ittieħed nhar il-5 t'Awwissu, 2017, tidher il-*cursor key* li hija indentika ghal dak li deher fuq l-artiklu in kwistjoni.[12]

[8] **Dok.JC** a fol.18
[9] Fol.8-9
[10] Fol.10
[11] Fol.11
[12] Fol.10

Illi kopja tal-*access audit report* turi kif l-imputat accessa ghar-rapport in kwistjoni minghajr ma ghamel *print-out* tieghu 4 darbiet bejn l-14 ta' Gunju, 2017 u t-13 t'Awissu, 2017.

Illi l-**Ispettur Jurgen Vella** spjega kif akkwista informazzjoni minghand is-*service providers* dwar in numru tal-mobile li kien jappartjeni lill-imputat sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm xi telefonati jew messaggi bejn l-istess Roderick Sammut u Daphne Caruana Galizia.[13] Tali investigazzjonijiet rrizltaw fin-negattiv. Jikkonferma li hu kien **personalment dahal fil-mobile tal-imputat u ra l-*screenshots "Rajthom iva"*.**[14] In kontro-ezami kkonferma kemm l-imputat kien ragel li jiehu interess fix-xoghol tieghu izda billi kien jiehu interess ma jfissirx li seta' jiehu *screenshots* ta' rapporti minflok jipprintjahom.[15]

Riprodott spjega kif wara li kien gie mghoddi kopja tal-*audit report* minn PC Vassallo liema *audit* kien intiz sabiex isir maghruf f'liema rapporti dahal fihom l-imputat fil-kors tas-sena precedenti, analizza din l-informazzjoni. L-ispettur Vella jixhed dwar dak li rrizultalu mill-analizi minnu maghmula: *"Mir-rapporti ta' sena shiha, jigifieri minn dakinhar tal-2016 meta ddahhal ir-rapport in kwistjoni sad-data tal-investigazzjoni ta' Awwissu 2017 jirrizulta illi fl-14 ta' Gunju 2017 kienet saret tfittxija ghal dan ir-rapport partikolari u kienet saret ukoll tfittxija bl-isem u l-kunjom, u dan qed naghmel referenza ghalih f'pagna fejn indikajtha bil-highlighter fis-7.11 pm.*[16] *U qed nghid dan Sinjura Magistat ghaliex meta ddahhal bl-isem, jigifieri Delia*

[13] Fol.217-218
[14] Fol.218
[15] Fol.223
[16] Fol.154-155; Vide 388-389 f'**Dok. IV3**

*Adrian u bin-numru tal-karta tal-identita', telghu tliet rapporti, li tnejn minnhom juru li kienu saru fejn hemm is-Sur Delia nvolut gewwa d-Distrett ta' Hal Qormi, u kien hemm rapport iehor li kien sar gewwa l-Ghassa tas-Sliema, ghax l-Ghassa tas-Sliema huwa 6 division L u ta' Hal Qormi kif diga' xehedt huma 2C u 2D ghax hemm iehor Haz-Zebbug. Issa r-rapporti li dhalt fihom ghax kont dhalt biex nicekkja biex nara 2 x'inhuma dawn ir-rapporti, ma kinux, ma kellhom l'ebda' rilevanza partikolari jigfieri. Ir-rapport li ddahhal 6L mill-memorja tieghi kien xi rapport fuq kwistjoni civili……l-access sar mis-Surgent 134….. bil-username tal-PS134 il-PS134 accessa, dan dejjem mill-istess IP address, l-istess IP address illi minn naha tieghi li minix tekniku nghid illi huwa kollu li jirrizulta mill-computer fl-ghassa Hal Qormi. Pero mill-computer tal-ghassa Hal Qormi dan gie accessat ir-rapporti kollha li hemm Adrian Delia mdahhal fihom.*[17]*……. U ovvjament mbaghad sibna r-rapport in kwistjoni fejn gie accessat, u d-data tieghu kienet 5 t'Awwissu 2017.".*[18]

Illi s-**Supretendent Kenneth Haber** xehed kif kien hu li eleva l-mobile tal-imputat u ghamel tfittxijiet fir-residenza tieghu f'Birkirkara minn fejn giet elevata wkoll *tablet* u *camera.*[19] Illi x-xhud zied jghid illi Roderick Sammut kien *enlisted* fil-pulizija nhar it-23 ta' Settembru, 2005, u gie stazzjonat l-Ghassa ta' Ħal-Qormi fid-29 ta' Settembru, 2016. Fid-data tar-reati addebitati lilu l-imputat kien jokkupa l-grad ta' surgent fil-Korp tal-Pulizija.[20]

---

[17] Fol.609-610
[18] Fol.611
[19] Fol.225
[20] Fol.227

Illi l-**Assistent Kummissarju Ramon Mercieca** spjega l-irwol tieghu fl-investigazzjoni fejn *inter alia* kien investiga min kellu access ghar-rapport in kwistjoni li sussegwentement deher fuq sit eletroniku. L-investigazzjonijiet zvelaw li l-persuna li kienet qeghda l-aktar vicin ta' dawk il-hinijiet kien l-imputat.[21] Minn *audit* u min dak li kien gie *retrieved* mill-mobile ta' Sammut rrizulta li ftit hin wara li l-istess Sammut kien dahal bil-username u bil-password tiegħu nstabu ir-ritratti fuq il-mobile tieghu; infatti ix-xhud jghid *"**kien hemm biss minuta u ftit sekondi mill hin x'hin illogja ul-hin li fuqu r-ritratt li nstab fil-mobile tiegħu kien jindika**"*.[22]

Illi jirrizulta li *screen shots* tar-rapport misjuba fil-mobile tal-imputat fis-sent folder tal-Whatsap gew *modified* fil-**5 t'Awissu 2017** fil-**11:35:45** [23]u fit-**12 t'Awissu 2017 fil-22:20:58 UTC.**[24] Issa UTC (Co-ordinated Universal Time) fil-hin tas-sajf lokali jissaraf fi +2 hours; jigifieri trid izzid saghtejn ohra biex tistabilixxi il-hin lokali. Mqabbel mal-*access audit report* jirrizulta li Sammut accessa is-sistema **fil-5 t'Awissu, 2017, fis-13:33:49 (hin lokali)**[25] **B'hekk jidher li kien hemm differenza ta' 116 sekonda biss.** **D**war it-tieni *screenshot* jirrizulta li dan gie modified fit-12 t'Awissu, 2017, **fil-22:20:58 UTC**[26] meta l-hin lokali kien dak ta' 00:20:58 u jirrizulta li Sammu accessa ghal PIRS fil-00:18:52 anqas minn zewg minuti qabel, 126 sekondi qabel!**[27]**

---

21 Fol.233
22 Fol.234
23 **Dok. JC7** a fol.205
24 **Dok.JC7A** a fol.206
25 **Dok. JC3** a fol. 29
26 **Dok. JC7** a fol.206
27 **Dok. JC3** a fol. 29

Ix-xhud zied li rrizulta li dak ir-ritratt intbaghat lil xi hadd izda ma setghax jigi determinat lil min. Irrizulta li f'ritratt minnhom fuq il-mobile ta' Sammut kienet tidher *cursor* liema *cursor* terga' tidher fl-istess posizzjoni fir-ritratt ppublikat fuq is-sit elettroniku: *"Fuq il-mobile tieghu dan ir-ritratt instab bil-hin jidher. Fuq is-sit elettroniku l-posizzjoni fejn instab il-cursor tal-mouse meta kkomparata mall-posizzjoni fejn kien jinstab il-cursor tal-mouse fuq il-mobile tieghu li jindika l-hin ukoll l-istess ritratt kienu identici,".*[28]

Illi **PS 767 Ismael Vassallo** stazzjonat fl-I.T. Department xehed li ghamel *audit report, Dok. IV*[29] fuq rapport partikolari u cioe` dak bin-numru 2C2280/2016 *"dan huwa audit report fejn dak kollu li jsir go report partikolari ..... kull report ihalli trail tieghu u dawn huma t-trails ta' dak ir-rapport….Ghamilt download u pprovdejt iddownload……sussegwentement l-Ispettur Jurgen Vella qabbadni naghmel audit report iehor ta' x'kien ghamel utilization basically l-user sammr037 li jghajat lil PS134 Roderick Sammut.".*[30] Gie prezentat faxxikolu li juri fil-kors ta- sena x-xoghol jew l-uzu li ghamel l-imputat *"Li mar jikwerja, ifittex fuqhom, affarijiet hekk kollha."*[31] Ix-xhud spjega l-imputat kellu *user name* li jibqa' mieghu sakemm idum impjegat mal-Gvern li biex taccedieh trid tuza *password*.[32] Vassallo jikkonferma li hu kien iggennera l-*access report*, **Dok. JC3**[33] – kull min dahal fir-rapport

[28] Fol.233
[29] Fol.245 et seq.
[30] Fol.238-239
[31] Fol.241. Vide **Dok. IV1 -IV6** a fol.248 et seq.
[32] Fol.240
[33] Fol.29 et seq

2C2280/2016 - li gja saret riferenza ghalih[34] l-istess dokument juri IP address *"jindika mill-PCs li gie accessat ukoll liema computers.".* [35]

Riprodott Vassallo kkonferma li l-IP address li ntuża ghal kompjuter li gie accessat minnu r-rapport in kwistjoni kien allokat l-Ghassa ta' Hal-Qormi:[36] *"Il-Pulizija ghandha allokata ammont ta' IP addresses li huma ndirizzi ta' kompjuters, u ahna, l-IT Section, nallokawhom skont il-bzonn tal-area, tar-regjun. U li esebejt [Dok.IV] hija kopja tal-outersites taghna li tinvolvi l-Ghasses tal-Pulizija, l-external li huma l-Ghasses tal-Pulizija, li qeghdin barra. Jigifieri hemm il-links kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-outer sites. Police districts, immigration, sea port u affarijiet hekk….. Fejn immarkajt bl-isfar, il-highlighter bl-isfar [172.2644.128] Hija r-range fejn hemm it-terminal stazzjonat in question.".*[37] Dak il-computer kien jintuza mill-imputat biex jigi accessat ir-rapport 2/C/2280/2016.[38] Ikkonferma li hu kien hareg *audit* ta' dak li ghamel l-imputat fil-kors ta' sena.[39] Jispjega x-xoghol li kien gie inkarigat jaghmel: *"jiena gejt mitlub nipproduci dokumenti. Wiehed li kien l-access, m' ghandix fuqi imma diga pprezentajthom id-darba li ghaddiet. Wiehed kien min accessa ghar-rapport 2C 2280/2016 li huwa dan li ghandi f' ideja.- **Dok. IV1**[40] - …. U mbghad talbuni extract ta' x' ghamel PS 134 Roderick Sammut … ta' sena."*[41] Kompla li l-ismijiet li jidhru bhala persuni li accessaw ir-rapport jigu ggenerati meta persuna tillogja bil-*username* taghha.[42] Dan ifisser li

---

[34] **Dok. JC3** a fol.29
[35] Fol.242
[36] Fol.634
[37] Fol.635
[38] Fol.636
[39] Fol.637
[40] Fol.643
[41] Fol.638-637
[42] Fol.639

jekk persuna ikun ta il-*username* u *password* tieghu lil persuna ohra fl-*audit* ikun jidher *trail* tal-ewwel persuna u mhux min ikun effettivament uzah.[43] Il-*password* tinbidel kull 30 gurnata ghas-sigurta`.[44]

Illi l-**Ispettur Ryan Caruana** adett mad-dipartiment tal-Forensika spjega kif accessa gewwa l-għassa ta' Hal-Qormi sabiex jkunu jistghu jkellmu lis-Surgent 134 Roderick Sammut u jelevaw xi affarijiet elettronici li setghu jkunu ta' ghajnuna fl-investigazzjoni. Ikkonferma illi Sammut ikkopera bis-sħiħ tant illi ghaddielu immedjatament l-affarijiet eletronici li kellhu fuqu bhal mobile inkluz il-password, liema mobile tpogga' f' *faraday bag* sabiex tinqata' kull trasmissjoni li seta jkun hemm fil-mobile. Susssegwentament mir-residenza eleva xi affarijiet ohra li wkoll tpoggew fil-*faraday bag li gew mghoddija lil* PS 422 inkarigat mill-*extraction* tal-kontenut taghhom. Kif tlestiet l-*extraction* din giet recorded fuq CD u mghoddija lil Assistent Kummissarju Ramon Mercieca.[45]

Illi **PS 422 Neil Godwin Caruana,** stazzjonat fil-*Mobile Device Forensic Unit*, xehed kif kien ezamina sebgha (7) *devices* biex jaghmel l-*extraction* minnhom li kienet pozittiva u ghaldaqstant ghadda l-esebiti kif ukoll ir-rizultat b'forma digitali fuq dvd. Jghid *"Posittiva kienet ir-rizultat, illi t-talba li saret biex niehu d-data minn fuq id-devices kienet posittiva u setghat issir. Kont infurmat x' qed ifittex l-Ispettur illi kien qed jaghmel l-investigazzjoni. Kont infurmat li kien qed ifittex xi oggett partikolari ta' rapport ta' pulizija, ta' monitor screen. Filwaqt illi jiena kont qed nara li r-rizultat inhareg, rajt ritratt simili,*

---

43 Fol.640
44 Fol.641
45 Fol.615-618

*ovvjament ma' nistax nikkonferma jekk dan hux il-PIRS report li kien qed jalludi ghalih l-AC u jekk hemmx izjed fuq id-device."*.[46] Caruana kkonferma illi dak li kien qed jigi mfittex instab wara li saret l-*extraction* saret min fuq mobile phone tal-ghamla <u>Samsung SMJ100H li ghandu l-IMEI number 358645062872692</u>.[47]

Mill-provi irrizulta li dan il-<u>mobile kien registrat f'isem l-imputat </u>kif anke jikkonferma huwa stess fil-kors tat-tielet stqarrija tieghu.[48]

Illi **Adrian Avellino** project manager mal MITA, spjega kif il-*username* SAMMR037 gie mdahhal fis-sistema tal-pulizija maghruf bhala PIRS, jew inkella *National Police System*, fit-28 ta' Frar, 2014, liema *username* gie allokat ma Roderick Sammut, ID 395080M. Ma kien hemm l-ebda tibdil f'dan ir-rigward u dak il-*username* ma jistax jkun allokat lil iktar min persuna wahda.[49]

Illi **WPC 351 Melanie Penza** spjegat li fit-13 ta' Settembru, 2016, meta kienet stazzjonata Ħal-Qormi, hadet ir-rapport 2/C/2280/2016 wara li kienet irceviet telefonata anonima fejn giet nfurmata li kien hemm vettura suspettuza u kien hemm xi persuni li kienu qed juzaw din il vettura biex jaghmlu bejgh ta' affarijiet illegali, fosthom droga. Ix-xhud iddikjarat li safejn taf hi l-imputat ma kellhu l-ebda involviment f'xi stharrig dwar dan

[46] Fol.624
[47] Fol.625. Relazzjoni **Dok. NGC** a fol. 626 et seq
[48] **Dok. JC11** a fol.215-216
[49] Fol.632

il-kaz peress li kien hemm zewg surgenti xoghol b'PS1482 ilahhaq ghal dik il-gurnata.[50]

Ili xehed ukoll **PC 805 Ian Terribile** li dakinhar li hareg l-artiklu fuq il-blog tad-defunta Daphne Caruana Galizia gie moghti struzzjonijiet mill-Assistant Kummissarju Ramon Mercieca sabiex ifittex ir-rapport li kien jidher *tale quale* fuq is-site tal-blog. Dahal fuq is-sistema tal-PIRS u minn hemmhekk sab ir-rapport numru 2/C/2280/2016.[51]

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus kkonferma li l-imputat kien impjegat mad-dipartiment tal-Pulizija sa mill-2005.[52]

Illi **Emily Abela** in rapprezentanza ta' Melita Ltd., xehdet li n-numru 79808139 kien registrat fuq certu Roderick Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 395080M.[53]

Konferma ta' dan itieha l-imputat stess fil-kors tat-tielet stqarrija minn tieghu.[54]

Illi xehed **Dr. Martin Bajada** li kien inkarigat bhala espert sabiex jaghmel analizi komparattiv bejn l-immagini li deher fuq l-artiklu *Running Commentary* u l-immagini li nstabu fil-mobile phone elevat minghand l-

[50] Fol.646-647
[51] Fol.652
[52] Fol.654 et seq.
[53] Fol.657 et seq.
[54] **Dok. JC11** a fol.215-216

imputat.[55] Gie inkarigat ukoll biex jipprovdi analizi tal-*access report* u *audit report* prezentati mill-prosekuzzjoni. L-abbli espert spjega *"in kwantu fuq analizi li sar fuq cellular u tablet, ic-cellulari instab f'non responsive mode, inqrat biss l-SD card u SIM card….In kwantu ghall-vera kopja tal-artiklu, jien accidejt gewwa r-running commentary li kienet izzomm il-blog Daphne Caruana Galizia u hrigt vera kopja tal-artiklu u annettejt ir-rapport tieghi vera kopja ….* ***Ir-rapport li hemm fuq ic-CD, jigifieri l-artiklu li hemm fuq ic-CD, huwa l-artiklu li deher fuq il-blog, dak gie kkonfermat****. In kwantu ghall-ezercizzju li sar fuq l-access u l-audit report,* ***mill-access report tal-user PS134 Sammut Roderick kien accessa NPS 2C-2280-2016 u dettalji dwar persuna, persons related li hija Delia Adrian u hemm il-identity cards taghhom, illi sussegwentament kienu saru fl-14 ta' Gunju, fil-5 t'Awwissu u fit-13 t'Awwissu*** *u mill-access report jirrizulta dan l-access u again* ***xejn ma gie printed, ma gie printed*** *xejn skond l-access report."*.[56] Ikkonferma li mill-*SD card* u is-*SIM card* tal-mobile u tat-tablet ma rrizultat l-ebda immagini, *"Dejjem meta tiehu in konsiderazzjoni meta l-mobile huwa non responsive… il-mobile non responsive, mhux qed jirrispondi, ma jixghelx, ma stajt nohrog l-ebda data minn fuqu kif inhu fl-istat li inghata lili*[57]*….Biex issewwieh titlef id-data."*[58]

Illi kif jirrizulta mir-rapport ta' Bajada[59] il-mobile li gie ezaminat minnu hu dak li saret l-*extraction* minn fuqu minn **PS422 Neil Godwin Caruana,** u cioe` Samsung SMJ100H li ghandu l-IMEI number 358645062872692.[60]

---

[55] Fol.676 et seq. Rapport **Dok. MB** a fol. 681 et seq.
[56] Fol.677
[57] Fol. 678
[58] Fol.680
[59] Fol.684
[60] Fol.625. Relazzjoni **Dok. NGC** a fol. 626 et seq

Illi mill-istess rapport jirrizulta li l-espert ghamel vera kopja tal-artiklu li ttella' fuq il-blog *Running Commentary* nhar is-16 t'Awissu, 2017 fil-4:04pm[61], liema imagini huma esebiti f'CD a fol. 690. **Verifiki tal-Qorti juru li tali artiklu ghadu *online* fuq *Running Commentary*.**[62]

Illi riprodott rega' kkonferma li ghalkemm saru tentattivi sabiex il-mobile jerga' jinghata 'l-hajja' dan baqa' *non-responsive.* Hu l-istess espert li ssugerixxa li jsiru ezamijiet forensici ulterjuri: *"Issa jekk xi hadd estrapola xi data minnu qabel ma ghadda ghand il-Qorti, wiehed ihares lejn dik id-data u jara kinitx gejja minn go dan l-istess mobile….. jekk hemm xi hjiel li kien hemm r-ritratt hemmekk, wiehed jista' jara dak li hargu … Jekk ghandhom jpeg ta' dak l-oggett, ta' dik l-image, mill-jpeg wiehed jista' juza software apposta llum il-gurnata li* ***jghidlek minn fuq liema camera ta' liema mobile jew digital camera inhareg****…. jpeg hemm software li jismu exsive li jghidlek jekk hemm data fih li jghidlek mhux biss mill-liema camera imma f'liema posizzjoni, f'liema gholi, f'liema livell elevations, f'liema longitude ittiehed ir-ritratt jew huwa embedded fil-jpeg."*[63] F'dan l-isfond l-inkarigu tal-espert gie estiz bil-ghan li jiddetermina mill-liema apparat ittiehdu l-immagini a fol.206 u 207, *screenshots* tar-rapport in kwistjoni, li l-pulizija kienu estrapolaw mill-mobile tal-imputat, **Dok. JC5**.[64]

Riprodott Dr. Bajada kkonferma li kien ezaminha s-CD bl-*extracted data* li saret mill-pulizija, *"Fil-fatt din is-CD hija estrazzjoni minn cellulari tramite*

---

[61] **Dok. RC** fir-relazzjoni a fol. 709
[62]https://daphnecaruanagalizia.com/2017/08/nationalist-party-leadership-contender-adrian-delia-replies-questions-anonymous-report-police/
[63] Fol.720-721
[64] Fol.719

*software XRY li huwa software forensiku fuq mobiles.* ***Mill-kontenut jirrizulta li d-dokument li gie analizzat huwa Samsung J100H Galaxy bin-numru tal-Ime 358645062872692 ossija dak ic-cellulari li gie esebit fl-atti bhala Dok JC5. Minn dan id-dokument jirrizulta illi hemm zewg imagni ta' parti minn PIRS li ntbghatu bil-whats app****. ......Qabel ma ghadda lili biex jiena nanalizza, gie analizzat mill-Forensic Unit l-FSL fejn ghamlu estrazzjoni permezz ta' software forensiku XRY u hemm l-estrazzjoni shiha tac-cellulari. Hemm zewg imagni tal-PIRS li jikkoncerna dan il-kaz li skont ir-referenza ntbghatu b'whats app.".*[65] L-espert ikompli li ghalkemm ma hemm l-ebda evidenza li turi li dawk ir-ritratti ttiehdu bil-mobile msemmi madanakollu jirrizultaw ***"Li ntbghatu bil-whats app hemm****..... Dort id-dokumenti kollha, dort l-estrazzjoni li ghamlu l-FSL. Fl-estrazzjoni,* ***fl-images ma jezistux dawk iz-zewg images, imma go post fejn hemm l-images tal-media tal-whats app, hemm dawk iz-zewg images****.....Mis-CD li hija l-estrazzjoni. Jekk inti tara r-rapport, l-estrazzjoni saret minn fuq dan il-mobile. Dan il-mobile huwa l-mobile esebit bhala JC5.".*[66] Bajada hu kategoriku meta jghid li ghalkemm ir-ritratti setgha' rcevihom l-imputat jibqa' l-fatt li **intbghat** mill-whatsapp *"Mhux ittiehed.* ***Intbghat mill-whats app****. Jigifieri minn fejn gie, jista' jkun hadu dak il-mobile pero'...Jista' jkun li rcevieh. Pero' li hemm, li* ***ntbghat****."*[67]

Ikompli li ma rrizultax lil min intbghatu dawk l-immagini: *"No...... Jekk nircevieh, nista' nibghatu. Jekk nircevieh, nibghatu u niddilitjah............ L-unika evidenza ta' dawk il-PIRS huma zewg imagni li qeghdin fid-database tal-media*

[65] Fol.726-727
[66] Fol.727-728
[67] Fol.728

*tal-whats app u ndikati fis-subfolder sent. Il-whats app media jkollu received, sent, u l-affarijiet. Imkien m'hemm dawk. La fil-camera tal-mobile, fl-images tal-mobile.* ***Kull ma hemm dawn iz-zewg imagni fis-sent. S'hemmhekk. Jigifieri definitely bghathom.*** *....U* ***huma l-istess zewg imagni li dehru fir-running commentary ta' Daphne Caruana Galizia.*** *Dak jigi mill-fatt li hemm....[Qorti: L-istess imagni jigifieri the same shot?] Yes. Ghax hemm il-mouse pointer li nqabdet. ....Ghadha fl-istess post..".*[68]

Illi l-abbli espert ikkonkluda li l-ewwel li ma ttiehed kien ir-ritratt tal PIRS. ***"Bilfors tal-PIRS gie l-ewwel"***[69] u rega' kkjarifika li hemm zewg ritratti tal-istess PIRS report li nstabu f'*folder* li jismu ***Whats App Media/Whats App Media Images/Sent*** fuq il-mobile tal-imputat; dan kien ifisser li ghalkemm **mhemmx dubbju li r-ritratti ntbghatu mill-mobile tal-imputat** *"Intbghat. Lil min ma nafx..Intbghat zgur...[fejn mar?] Ma nistax nghid, ma hemmx prova."*[70]

Illi hija s-segwenti dikjarazzjoni li permezz taghha rrizulta li mill-immagini li nstabu fuq il-mobile tal-imputat *"immagini minnhom ghandha l-istess karreteristici bhal immagini li hemm fuq il-blog u cioe runnng commentary esebiet bhala DOK RC , li huma zewg chapters fuq in naha ta fuq, mouse pointer fuq in naha t'isfel u hemm immagini iktar l'isfel mill- mouse pointer.... ".*[71];

---

[68] Fol.728-729
[69] Fol.747
[70] Fol.748
[71] Fol.746

**Jirrizulta li meta dak ir-ritratt li qieghed fuq il-blog jigi *cropped* jigi identiku ghar-ritratt li ttiehed tal-PIRS report.[72] Dan jidher b'kjarezza mir-rapport tal-istess espert fejn fl-image IMG-20170805-WA0000.jpg jidhru xejn anqas minn tlett (3) karatteristici li hemm fuq l-immagini fir-Running Commentary.[73]**

**Illi dan l-*image/screenshot* misjub fuq il-mobile ta' Sammut, li rrizulta hu identiku ghal dak li ttella' fuq ir- *Running Commentary* fis-16 t'Awissu, 2017, hu l-image li gie modified fis-*sent folder* fil-5 t'Awissu, 2017 fil-11:35:45 UTC, meta daqstant iehor gie soddisfacentement ppruvat li Sammut accessa ghal dak ir-rapport fis-13:33:49 (hin lokali)[74] 116 sekonda qabel ma jirrizulta li l-*image* gie *modified* fuq il-mobile tieghu.**

**Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta li –**

(i) Sammut accessa ghar-rapport in kwistjoni -2/C/2280/2016 – fi tlett dati separati (f'erba (4) okkazzjonijiet), qabel ma deher l-artiklu fir-*Running Commentary*;

(ii) il-mobile li nstabu l-immagini fuqu jappartjeni lill-imputat;[75]

(iii) f'okkazzjoni wahda Sammut baghat immagini ta' dak ir-rapport lil terz li baqa' qatt ma gie identifikat f'temp ta' 116 sekonda wara li accessa ghal PIRS u f'okkazzjoni ohra 126 sekonda wara li accessa l-istess rapport;

[72] Fol.746-747

[73] **Dok. MB1** a fol.750

[74] **Dok. JC3** a fol. 29

[75] **Dok.JC11** a fol.215-216

(iv) l-immagini mibghuta fil-5 t'Awissu, 2017 hi identika ghal-immagini li ttelghet fl-artiklu msemmi aktar il-fuq, fir-*Running Commentary,* ta' liema artiklu nharget **vera kopja** tenut kont li ghadu *online.*[76] Dan qed jigi sottolinejat tenut kont tas-sottomissjoni dwar dan il-punt mid-difiza;

(v) din l-istess immagini hi vera kopja tal-immagini li tinsab fuq is-CD li fuqha hemm l-*extraction* tad-data li saret mill-mobile tal-imputat;

(vi) qabel id-data li l-imagini tar-rapport ttelghet *online* fis-16 t'Awissu, 2017, dak ir-rapport gie **accessat mill-imputat biss.** Wara l-pubblikazzjoni tieghu gie accessat l-ewwel minn PC805 Terribile u PS767 Vassallo fil-kors tal-investigazzjonijiet fuq il-kaz in dezamina. Fil-fatt bejn l-14 ta' Gunju, 2017, u it-13 t'Awissu, 2017, l-imputat accessa ghar-rapport in kwistjoni u dan f'xejn inqas minn erba okkazzjonijiet – fatt ikkonfermat anke mill-espert Bajada meta tqabbad specifikatament sabiex janalizza l-*audit report* li kien sar precedentement mill-pulizija sabiex jigi evitat kull dubbju dwar l-awtenticita` tieghu u dwar liema awtenticita` ma tressaq l-ebda ilment mill-abbli difiza;

(vii) qabel ma Sammut accessa r-rapport ghall-ewwel darba f'Gunju, 2017, l-ahhar li kien hemm access ghalih kien f'Dicembru 2016;

(viii) **l-immagini tar-rapport instabet fis-sent folder tal-*Whatsap* fuq il-mobile li gie elevat minghand l-imputat**;

(ix) ma tressqet lanqas l-icken prova, sal-grad tal-probabbli, li turi li l-imputat accessa ghar-rapport in konnessjoni max-xoghol

[76] Fol.677

tieghu, kif l-abbli difiza ssemmi fil-kors tat-trattazzjoni minn taghha;

(x) ma tressqet l-ebda prova, sal-grad tal-probabbli, li l-imputat kien ippermetta lil xi persuna ohra juza l-mobile tieghu jew li dan intuza minn haddiehor fit-trapass ta' cirka zewg minuti mill-hin li accessa ghar-rapport nhar il-5 t'Awissu, 2017;

(xi) ma tressqet l-ebda prova sal-grad tal-probabbli li dik l-immagini ntbghatet lilu;

*(xii)* ma tressqet l-ebda prova, sal-grad tal-probabbli, li l-imputat kien ippermetta xi persuna ohra taccedi s-sistema bil-*username* u l-*password* tieghu.

Illi dawn il-fatti probatorji kollha jistghu iwasslu sabiex ikun hemm presunzjoni ta' fatt ghall-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat, u cioe` ossia jista' jkun hemm fatti bizzejjed li jindikaw b'mod indirett, u li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni, li **fil-5 t'Awissu, 2017, kien l-imputat u hadd hliefu li ha ritratt bil-mobile tieghu tar-rapport numru 2/C/2280/2016**[77] **u sussegwentement baghat l-istess ritratt lil xi terza persuna**, u dan minkejja li analizi tal-mobile ma ppruvawx li r-ritratt ittiehed minnu! Ghalkemm il-Qorti taqbel ma dak li sahhqet l-abbli difiza fil-kors tat-trattazzjoni taghha li ma giex pruvat li kien l-imputat li ghadda l-immagini tar-rapport lill-gurnalista, dan hu immaterjali. **Irrizulta ampjament ippruvat li f'hin ta' 116 sekonda fil-5 t'Awissu, 2017, gie accessat ir-rapport mill-imputat u ritratt tieghu intbghat lil persuna**

[77] Fol.652

**ohra u dan meta <u>hadd aktar ghajr l-imputat ma kien accessa dak ir-rapport sa minn Dicembru, 2016</u>.**

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[78]

Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*

U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [*Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda App Krim – 24/04/2002].''*

Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs **Francis William Peter George Zarb Adami** intqal:[79]

---

[78] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

[79] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor Imhallef Joseph Galea Debono; Deciza 7 ta' Frar, 2003; Appell Kriminali Numru. 236/2002

Issa huwa risaput li l-provi jistghu ikunu kemm diretti bhal nghidu ahna x-xiehda ta' nies li assistew ghall-incident jew indiretti u cioe' dak li jissejhu provi indizjarji jew "circumstantial evidence" . Issa apparti li mill-provi diretti ….. hemm certi "presumptions of fact" li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi tal-incident , li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu "res ipsa loquitur" u li illum ikun aktar korrett li jissejhu "circumstantial evidence" li jistghu jimmilitaw biex min irid jiggudika , jasal ghal certi konkluzzjonijiet dwar ir-responsabbilta' o meno tal-appellat ghall-incident in ezami …..

"These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact . It is not obliged to draw them as a matter of law even if there is no further evidence ..(**CROSS. R**. "On Evidence (Butterworths, London , 1979) p.124) (App.Krim. **Pol. vs. Claudia Camilleri** , per V. De Gaetano J. - 15.11.96)

Illi anki fid-dawl ta' dan l-insenjament l-aktar recenti, f'dan il-kaz hemm certament *"presumptions of fact"*, u cioe' din il-prezunzjoni ta' fatti tqum fejn meta il- " *fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti."…..*

S' intendi bhal kull prova indiretta ohra iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Imiss issa li fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali jigi kkunsidrat jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat u senjatament dawk dwar *computer misuse* ravvizati bl-artikoli 337C(1)(a)(b)(c)(f)(j) tal-Kodici Kriminali.

**<u>L-akkuzi</u>**

L-ewwel hames imputazzjonijiet jikkoncernaw reati li gew introdotti fid-dritt penali taghna bl-***Att III tal-2001*** meta ddahhal is-Sub-titlu V taht it-Titolu IX tat-Taqsima Tnejn tal-Kodici Kriminali, L-Ewwel Ktieb, intestat *Fuq l-Uzu Mhux Kif Dovut Tal-Computer.*

## I. L-Artikolu 337C(1)(a) tal-Kodici Kriminali

Dan l-artikolu jipprovdi li hu reat jekk persuna ***mingħajr awtorizzazzjoni ...***

> tuża *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

Illi għalhekk irid jigi stabbilit <u>jekk l-imputat kellux l-awtorizazzjoni mehtiega</u> meta accessa ghal PIRS Report 2/C/2280/2016 u cioe` meta uza computer biex dahal f'data partikolari.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Leeroy Balzan** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet ezami *funditus, inter alia,* dwar din l-ewwel imputazzjoni:[80]

> Pulizija jigi meqjus bhala persuna awtorizzata sabiex tkun tista' taccessa s-sistema tal-PIRS minn dakinhar illi jkun *sworn in* fil-Korp. ……
>
> Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali ……. ligi giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta'l-Ingilterra.Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':
>
> 1. L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.
> 2. L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.
> 3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.

[80] Per Onor. Imhallef Edwina Grima; Deciza 26.10.2017; Appell Nru: 124 / 2017

Illi dan ifisser illi l-ghan tal-ligi kienet wahda u cioe' li tissanzjona kull access mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab mahzun/a f'sistema komputerizzata. ……

Illi l-access mhux awtorizzat gie spjegat mill-awturi inglizi hekk:
*"Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."* ***Blackstone*** *fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti: "Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled" Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn* ***Reed*** *u* ***Angel*** *b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."* [81]

Mela bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament ta' dritt a contrario senso ma jistax jinghad illi l-PC978 ghamel uzu mhux awtorizzat tal-kompjuter jew ghal ta'l-inqas li kellu l-intenzjoni li jikseb access mhux awtorizzat ghal kompjuter gjaldarba huwa kiseb il-kunsens preventiv tas-superjur tieghu u cioe' l-appellanti sabiex jaccessa l-istess, billi dan ghaddhielu l-*username* u *password* tieghu. ………..

Illi l-element formali tar-reat, mid-dicitura tal-ligi, tidher illi hija l-intenzjoni illi l-awtur tar-reat jaghti informazzjoni sabiex persuna taccedi ghal xi sistema komputerizzata u tikseb informazzjoni b'mod klandestin u allura meta ma ghandhiex il-permess ufficjali jew approvazzjoni u kunsens tikseb access ghal dina l-informazzjoni, ……

Illi din tidher illi hija l-interpretazzjoni li inghatat ukoll mill-qrati inglizi f'dawk il-kawzi li jkunu jitrattaw dak li huma isejjhu bhala "***insider unauthorised use of authorised access***" fejn allura gie deciz illi jkun hemm il-htija **meta il-pulizija li jikseb dak l-access jaghmlu sabiex jottjeni informazzjoni ufficjali u**

[81] **Il-Pulizija (Spettur Anna Marie Micallef) vs JEANELLE GRIMA** *;* Deciza 19.07.2016 Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera

**kunfidenzjali ghal korp ghall-uzu jew skopijiet personali tieghu u cioe' meta jkun hemm l-uzu hazin tal-informazzjoni mahzuna fil-kompjuter** u mhux meta l-uzu jkun wiehed legittimu bhal f'dan il-kaz.[82]

Illi l-**Blackstone** ighid hekk fuq l-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter:

*"There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. .... Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs.[83]"*

Illi ghalkemm dan il-kaz jitratta sitwazzjoni fejn l-appellanti li kellu access awtorizzat ta access lil persuna ohra bl-uzu tal-*password* personali tieghu, madanakollu l-intenzjoni kif spjegata minn dan l-awtur eminenti xorta wahda trid tirrizulta u cioe' kif jispjega huwa stess, **irid ikun hemm l-intenzjoni illi jinghata fl-ewwel lok l-access u ukoll abbinat ma' dan l-gharfien illi dak l-access li qed jinghata huwa wiehed mhux legittimu**.

……

mal-mument tal-ghoti tal-gurament tal-hatra u tan-numru li jidentifika il-pulizija, dan awtomatikament jikseb id-dritt li jaccessa is-sistema tal-kompjuter, kif inghad, u allura hemm jibda il-process biex jinghata l-mezzi biex ikun jista' juza dik is-sistema.

[emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Illi ghalkemm mhemmx dubbju li l-imputat kien awtorizzat jaccessa ghal PIRS report (tant li nghata *username* u *password* li jibqghu mieghu sakemm idum impjegat mal-Gvern[84]), **minn imkien ma jirrizulta li dan sar in konnessjoni ma xi investigazzjoni li kien involut fiha**. *Multo magis* dan kellu jirrizulta li hekk kien il-kaz meta jigi kkunisdrat li gie ampjament ippruvat li f'temp ta' tlett xhur **Sammut accessa r-rapport in kwistjoni**

---

[82] Ara decizjonijiet **DPP vs Bingell u DPP vs Allison**

[83] **Criminal Practice B17.6**

[84] Fol.240- Xhieda PS767 Vassallo

**erba' darbiet fi tlett granet differenti filwaqt li ghamel ricerki ohra fuq is-suggett ta' dak ir-rapport, il-persuna b'kunjom Delia u bla ebda konnessjoni mad-distrett ta' Hal-Qormi fejn kien stazzjonat:** *"U qed nghid dan Sinjura Magistat ghaliex meta ddahhal bl-isem, jigifieri Delia Adrian u bin-numru tal-karta tal-identita', telghu tliet rapporti, li tnejn minnhom juru li kienu saru fejn hemm is-Sur Delia nvolut gewwa d-Distrett ta' Hal Qormi, u kien hemm rapport iehor li kien sar gewwa l-Ghassa tas-Sliema, ghax l-Ghassa tas-Sliema huwa 6 division L u ta' Hal Qormi…… Pero mill-computer tal-ghassa Hal Qormi dan gie accessat ir-rapporti kollha li hemm Adrian Delia mdahhal fihom.[85]……. U ovvjament mbaghad sibna r-rapport in kwistjoni fejn gie accessat, u d-data tieghu kienet 5 t'Awwissu 2017.".*[86]

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost jirrizulta perfettament dak li l-Qrati Inglizi jikkwalifikaw bhala ***"insider unauthorised use of authorised access".*** L-imputat kellu awtorizazzjoni biex jaccedi ghall-informazzjoni mizmuma fis-sistema tal-PIRS izda dan esklussivament fil-kwadru tal-impjieg tieghu u ghall-ebda raguni ohra. Ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Jigi sottolinejat li l-konsiderazzjonijiet maghmula dwar xi tfisser il-frazi *"minghajr awtorizazzjoni"* isibu applikazzjoni anke fir-rigward tat-tieni sal-hames imputazzjoni u ghaldaqstant mhemmx htiega ta' ripetizzjoni. Issir riferenza biss ghal dak li jipprovdi l-artikolu 337C(2) tal-Kodici Kriminali:

(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:

[85] Fol.609-610

[86] Fol.611- Xhieda Spettur Jurgen Vella

(*a*) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjonijekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;

Kif intqal ghalkemm l-imputat kellu awtorizazzjoni jaccessa ghas-sistema tal-PIRS, dan kien biss **fl-isfond tal-impjieg tieghu u esklussivament sabiex jaqdi d-doveri tieghu u mhux ghal xi uzu personali iehor**.

## II. L-artikolu 337C(1)(b) tal-Kodici Kriminali

Dan l-artikolu jipprovdi li jkun reat jekk persuna <u>minghajr awtorizazzjoni</u>

tagħmel *output* ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

Imbghad l-artikolu 337C(3) ikompli

Għall-għanijiet tas-subartikolu (1):….

(*b*) il-forma kif jinħareġ *output* ta' xi *software* jew *data* u partikolarment jekk din tkunx forma jew le li fiha, filkaż ta' *software*, tkun tista' tiġi esegwita jew, fil-każ ta' *data*, tkun tista' tiġi pproċessata minn *computer*, mhix importanti.

Illi l-artikolu 337B(1) jaghti definizzjoni ghall-kelma "output":

"*computer output*" jew "*output*" tfisser il-<u>preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' *data*</u> sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, **ta' wiri fuq skrin**, **fotografika** jew filmata xort'oħra, grafika, bil-ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn *computer*; u

Mhemmx dubbju li galadarba id-*data* ttelghet fuq il-*monitor* u *multo magis* giet riprodotta f'immagini billi ittiehed u ntbaghat ritratt ta' dik l-immagini, immaterjalizza ir-reat ravvizat bl-artikolu 337C(1)(b) tal-Kodici

Kriminali. Din it-tieni imputazzjoni ghalhekk giet ippruvata sal-grad rikjest.

### III. L-artikolu 337C(1)(c) tal-Kodici Kriminali

Dan l-artikolu jipprovdi li jkun reat jekk persuna minghajr awtorizazzjoni

> tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;

Jirrizulta li l-imputat kellu fuq il-mobile tieghu l-immagini/ritratt tad-data li kien jikkontjeni r-rapport li accessa sekondi qabel. Ghalhekk gie ampjament ippruvat li dik l-informazzjoni giet ikkupjata fuq mezz ta' hzin differenti minn dak li soltu tinzamm fiha, is-sistema tal-PIRS. Ir-reat ravvizat bit-tielet imputazzjoni wkoll gie rpruvat sal-grad rikjest.

### IV. L-artikolu 337C(1)(f) tal-Kodici Kriminali

Illi sabiex ghemil jikkostitwixxi reat taht dan l-artikolu, persuna li ma jkollhiex l-awtorizazzjoni rikjesta -

> tieħu pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;

Illi mal-mument li l-immagini tar-rapport sabet ruhha fuq il-mobile tal-imputat, u fejn minn imkien ma jirrizulta sal-grad tal-probabbli li dik l-immagini ntbghatet lilu, jirrizulta li l-imputat mhux biss necessarjament ha l-pussess ta' dik id-data minghajr awtorizazzjoni kif intqal izda anke

ghamel uzu minnha minghajr id-debita awtorizazzjoni. Ghalhekk anke din l-imputazzjoni giet ppruvata sal-grad rikjest.

## V. L-artikolu 337C(1)(j) tal-Kodici Kriminali

Malli l-imputat ghazel li jittrasmetti dik l-immagini u b'hekk jikxef *data* minn fuq is-sistema tal-PIRS, effetivament avverra ruhu ir-reat ravvizat bl-artikolu 337C(1)(j). Dan ir-reat jipprovdi ghall-eccezzjoni in kwantu il-kxif tad-data tkun mehtiega fil-qadi ta' dmirijietu jew bis-sahha ta' xi ligi ohra:

> tikxef xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm-il darba dan ma jkunx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi liġi oħra;

Illi minn imkien ma rrizulta li meta intbghat l-immagini tar-rapport dan sar ghal xi skop legittimu fl-ambitu tal-qadi ta' dmirijietu. Anzi WPC351 Melanie Penza xehdet li l-imputat ma kienx involut fl-istharrig relattat mal-kaz li r-rapport kien jaghmel riferenza ghalih.[87] Din l-imputazzjoni giet soddisfacentement ppruvata.

## VI u VII. L-artikoli 257 u 133 tal-Kodici Kriminali

Illi l- Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali jghid dan dwar

[87] Fol.646-647

dak li llum hu l-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali, ir-reat ravvizat bis-seba imputazzjoni:[88]

Section 131 of the Criminal Code which creates this offence is dientical with article 177 of the Italian Code of 1889, apart from the saving which our provision makes of any acse where the act of the offender constitutes a more serious crime as, for instance, under the Official Secrets Ordinance (Chapter 82) or a crime of treason under Section 56 of the Criminal Code.

This crime can be committed only by a public officer or servant. Breach of secrecy by other persons, exercising a profession or calling involving confidence, is dealt with under Section 270 [illum 257] of the Criminal Code.

The said crime can be committed not only in relation to documents but also in relation to "facts" – "potendovi essere interesse a custodire il segreto di fatti conosciuti come di documenti posseduti: fatti conosciuti per ordini, per comunicazioni verbali, per dispacci ricevuti." (Report of the Chamber of Deputies on the project of 1887, n.exlii).

The mateial act may consist alternatiely in "communicating" or "publishing" or "in any manner faclitating the knowledge" of any document or fact held by or known to the agent by reason of his office. "Communicating literally means giving information of the matter to a determinate person; "publishing" means a disclosure made, not so much repeatedly to different persons, as by means of indeterminate and exetnsive prublicity.

It need hardly be said that to constitute the crime, the disclosure of the secret matter made by the public officer or servant must be wilful...made with the consciousness of contravening the legal prohibition. Mere negligence or imprudence is not sufficient, saving, of curse any disciplinary action which such negligence or imprudence may entail.

Finally, where the disclosure of any secret document or fact is made by a public officer or servant as a result of corruption, the case would fall to be governed by the proisions applicable thereto and not by

[88] **Prof. Sir A. J. Mamo**, Lectures in Criminal Law,

section 131. (Confer Carrara, Programma Parte Specilae, Vol.V. para.2557; Maino, op.cit.art.177, para.951.)

Issir riferenza ghas-sentenza ta-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizja vs Emanuel Faure**`[89]

Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid li fost l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju kien hemm l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali. Jghid li stante li l-appellat instab hati taht l-artikolu 133, kellu jinstab hati wkoll taht l-artikolu 257 ghax skond l-Att dwar Segretezza Professjonali (Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta) kull ufficjal pubbliku li jizvela informazzjoni kunfidenzjali hu hati taht dan l-artikolu wkoll.

L-appellant hawn ghandu ragun. L-artikolu 3(1) tal-Kap. 377 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li dawk il-persuni li, minhabba fl-istat, professjoni jew kariga taghhom, jidhlu fl-ambitu ta' l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, jinkludu, *inter alia*, ufficjali u impjegati ta' l-Istat. Skond l-artikolu 2(2)(b) ta' l-istess Kap. 377, "impjegati ta' l-Istat" jinkludu impjegati ta' korp kostitwit imwaqqaf b'ligi, bhalma hija l-Enemalta. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib htija anke taht l-artikolu 257 tal-Kodici Kriminali, b'dan li r-reat kontemplat fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fir-reat kontemplat fl-artikolu 257 imsemmi.

Illi filwaqt li taht l-artiklu 133 tal-Kodici Kriminali l-awtur irid ikun "uffiċjal jew impjegat pubbliku", l-artiklu 257 tal-Kodici japplika b'mod generali ghal kull min minhabba l-kariga jew professjoni tieghu issir depozitarju ta' xi sigriet u dan salv ghall-eccezzjoniiet msemmija fl-istess artikolu.

Illi mhemmx dubbju li l-informazzjoni kontenuta f'rapport li ghandhom access ghalih biss ufficjali tal-Pulizija, tista' titqies bhala informazzjoni munita bis-segretezza li jirreferu ghaliha dawn iz-zewg disposizzjonijiet. Gie ampjament ppruvat li l-imputat ghadda dik l-informazzjoni lil terza

[89] Per Onor. Imhallef David Scicluna, Deciza 8 ta' Gunju, 2011

persuna u b'hekk zvela dak li kellu jibqa' protett bil-kunfidenzjalita`, kixef sigriet u ghen sabiex informazzjoni, li kienet ilha mistura bis-salvagwardji li s-sistema tal-PIRS thaddan sa minn Settembru, 2016, issir maghrufa.

Dwar dak li jikkostitiwxxi jew li ghandu jibqa' "sigriet" il-Qorti tal-Appell Kriminali wriet it-tifsira wiesa li tali kelma igorr:[90]

Il-"praxis curiae" ta' dawn il-Qrati kienet dejjem fis-sens li editur jew l-istampatur ma jigux kostretti jizvelaw l-identita` tal-kontributuri ghall-gurnal taghhom. L-editur jew l-istampatur, meta jircevu kontribuzzjonijiet ghall-publikazzjoni fil-gurnal taghhom, ikunu qeghdin jircevuhom minhabba li huma qeghdin appuntu jezercitaw il-professjoni jew mesjier ta' editor jew stampatur, u ghalhekk, jekk il-kontribwent irid jibqa' anonimu, issiru, bhala tali, depozitarji ta' sigriet, u jekk jizvelawh jistghu, in linea massima, u fil-kazijiet kongruwi, jaqghu anki that is-sanzjonijiet tal-Ligi Kriminali (art.270 Kod. Krim.).

Illi fis-sentenza parzjali tal-Qorti Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo LL.D.** intqal:[91]

It-tielet kap tal-att ta' akkuża huwa mibni fuq l-art. 133 tal-Kodici Kriminali:

**133.** Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun gie fdat lilu jew li jkun gie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jigi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.

Dwar din l-akkuża ftit hemm xi tgħid. L-akkużat stess stqarr li kixef kif sejra tkun is-sentenza qabel ma ngħatat: dan ammettieh kemm – skond hu b'mod esaggerat – fl-istqarrija "tattika" quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u kemm meta minjeddu xehed quddiem din il-qorti, meta ammetta biss għal okkażjoni waħda meta lil Grech Sant fil-jum ta' qabel ma kellha tingħata s-sentenza qallu kif sejra tkun. F'kull każ, ukoll

[90] **Dominic Mintoff Et Vs Rev Dun Francesco Saverio Bianco**; Per Onor. Imhallef W. Harding; Deciza 14 t'Ottubru, 1961 (Vol.XLV.D. IV.1064-1065)
[91] Per Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo; Deciza 24 ta' Novembru, 2009

jekk titwemmen it-tieni verżjoni, hemm l-elementi kollha ta' kxif ta' fatt jew dokument li, fil-waqt meta inkixef, kellu jibqa' sigriet.

Lanqas ma taqbel il-qorti mal-argument tad-difiża li din id-disposizzjoni tal-ligi tolqot biss dokumenti li jridu jibqgħu sigrieti għal dejjem u mhux biss, bħas-sentenzi tal-qrati, sakemm jigu pubblikati. Li hu meħtieg hu li d-dokument jew fatt kellu jinżamm sigriet fil-waqt meta nkixef.

Ukoll ma taqbilx il-qorti li l-akkużat kellu jigi mixli mhux bi kxif ta' sigrieti ufficjali taħt l-art. 133 iżda bi kxif ta' sigrieti professjonali, li hu delitt aktar gravi taħt l-art. 257 tal-Kodici Kriminali. Huwa l-art. 133 li jolqot sigrieti tal-istat jew ta' entità tal-istat, bħal ma huwa l-organu gudizzjarju. F'kull każ, jekk sigriet ufficjali jkun ukoll sigriet professjonali, id-delitt taħt l-art. 133 huwa kompriż u involut f'dak taħt l-art. 257.

Ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet gew soddisfacentement ippruvati wkoll.

**Piena**

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru hamsa (5), sitta (6) u seba' (7) japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar gravi tkun dik ravvizata bl-artikolu 337F(1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghall-piena erogabbli ghall-hames imputazzjoni.

Illi kuntrarjament ghall-imputazzjoni numru seba' (7) din il-hames (5) imputazzjoni ma tirrikejdix necessarjament li jista' jinstab hati taghha biss ufficjal jew impjegat pubbliku. Ghalhekk tenut kont li gie ampjament ppruvat li fiz-zmien li twettaq id-delitt, l-imputat kien ufficjal tal-pulizija,

l-aggravju ravvizat bl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali issib applikazzjoni.

Mhux l-istess jista' jinghad dwar l-aggravji l-ohra indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju minn tieghu. Fil-fatt ghalkemm l-Avukat Generali indika l-artikoli 337F(2)(a)(e) tal-Kodici Kriminali, ma tressqet lanqas l-icken prova li l-ghemil tal-imputat kkawza ħsara għal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew tellef, għarraq jew interrompa b'xi mod l-għoti ta' xi servizz jew utilità pubblika, jew li ghamel użu ħażin ta' data personali ta' persuna oħra, bil-għan li tiġi akkwistata l-fiduċja mingħand terza persuna, biex b'hekk jiġi kkawżat preġudizzju lis-sid leġittimu tal-identità. Kif jista' jinghad li pprova jakkwista fiducja minghand terza persuna meta din il-persuna baqghet injota?!

Illi l-aggravju li gie ampjament ippruvat hu dak ravvizat bl-artikolu 337F(3)(*a*) tal-Kodici, u cioe` meta r-reat isir f'xi post minn impjegat bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat.

Madanakollu din ic-cirkostanza aggravanti ma tirrizultax mill-imputazzjonijiet u mill-fatti kif addebitati lill-imputat. Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Omissis**:[92]

[92] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 26.10.2017; Appell Numru 178/2014

Issa meta "***ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. [*****Il-Pulizija vs Michael Carter** – 07/12/2001 App.Krim ]."

Illi bhal kif jaghmel meta jigi biex jirredigi l-att ta'l-akkuza, l-Avukat Generali wara li jifli l-atti tal-kumpilazzjoni irid jara liema huma dawk ir-reati li jistghu jigu imputati lill-persuna akkuzata fejn allura huwa jista' inaqqas reat jew reati minn dawk li kienu qed jigu investigati tul l-atti kumpilatorji. Issa ghalkemm l-Avukat Generali ghar-reat mahsub fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali cioe' dak ta'l-istupru, kif ukoll dak mahsub fl-artikolu 203, ma jindikax ic-cirkostanza aggravanti imsemmija ghall-ewwel reat fl-artikolu 202(b) u ghat-tieni reat imfisser fis-sub-inciz (1)(c) ghall-istess artikolu tal-ligi u cioe' l-fatt illi r-reati gew kommessi fuq il-persuna ta' dixxendenti taht l-eta ta' tmintax-il sena, l-Ewwel Qorti ghaddiet biex sabet htija ghal dawn ir-reati bic-cirkostanzi aggravvanti. L-appellanti jilmenta allura illi b'hekk ir-reat gie rez iktar gravi minn dak indikat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Jinsisti inoltre illi din ic-cirkostanza aggravanti kellha tohrog mill-provi ikkumpilati, haga li fil-fehma tieghu ma tirrizultax ippruvata, u gjaldarba l-Avukat Generali ma hassx il-htiega li jindika dan l-aggravvju allura kellu jkun evidenti ghall-Ewwel Qorti illi din il-prova ma saritx.

Illi l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar dak li ghandu ikun fiha l-att ta'l-akkuza meta fis-sub-inciz (b) li jikkontempla l-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza hemm dispost illi l-Avukat Generali "*ghandu fisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar,* ***flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena****.*"

Ikompli s-sub-iniz (c) hekk meta jitkellem fuq il-part akkuzatorja ta'l-att ta'l-akkuza meta hemm dispost illi din tikkostitwixxi:

***"ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi (hawn jingħad l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat) jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."***

Mela allura ghalkemm fil-parti narrattiva ta'l-att ta'l-akkuza l-Avukat Generali ghandu jindika c-cirkostanzi kollha ta' fatt li jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena u allura jirrendu ir-reat iktar gravi, madanakollu imbaghad fil-parti akkuzatorja huwa bizzejjed illi jigi indikat l-artikoli tal-ligi li jikkontempla ir-reat. Dan x'aktarx ghaliex huwa rimess ghal gudizzju tal-gurija popolari biex jiddeciedu jekk il-fatti esposti mill-Avukat Generali jirrizultawx ippruvati mill-evidenza li tingieb waqt il-guri, fejn imbaghad il-kwistjoni dwar il-piena li ghandha tigi erogata f'kaz ta' sejbien ta' htija ghal fatti kif decizi mill-gurati tigi, imhollija f'idejn l-Imhallef togat.

Ekwiperata n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma'l-att ta'l-akkuza allura huwa bil-wisq evidenti illi huwa bizzejjed illi l-Avukat Generali jindika l-artikoli tal-ligi li jikkontempla r-reat u dan kif hemm indikat b'mod specifiku fl-artikolu tal-ligi su-iccitat. Issa huwa minnu illi n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma fijiex dik il-parti narrattiva bhalma fiha l-att ta'l-akkuza, izda l-indikazzjoni tal-fatti tal-kaz johorgu mill-imputazzjonijiet kif originarjament mfassla kontra l-imputat. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri"*** deciza 18 ta' April 2012 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta gie deciz illi:

"*Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti mill-Avukat Generali, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda **l-fattispecji partikolari** tal-kaz.*" 7

Dan ghaliex, kif inghad ghalkemm in-nota ta' rinviju ghal gudizzju hija imqabbla mal-att ta'l-akkuza, madanakollu fiha hija mankanti dik l-parti narrattiva bhalma hemm fl-att ta'l-akkuza li titkellem dwar il-fattispecje tal-kaz li abbazi taghhom huma imsejjsa ir-reati li jigu hemmhekk imputati. Xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti allura stabbilit ir-reat, illi teroga dik il-piena li fil-fehma taghha kienet tapplika ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif imfissra fl-imputazzjonijiet. Ghalhekk stabbilit illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat bir-reati ta'l-istupru vjolenti u l-korruzzjoni tal-minorenni, kien jispetta lill-Ewwel Qorti sabiex misjuba l-htija ghal dawn ir-reati, meta tigi tqies il-piena li ghandha tigi erogata, tara jekk mill-fattispecje din kellhiex tizdied minhabba xi cirkostanza aggravvanti. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud.

Illi galadarba l-akkuza ma taghmel l-ebda riferenza ghall-fatti li jisemmew fl-aggravju ravvizat bl-artikolu 337F(3)(a) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hija prekluza milli tapplikaha meta tigi biex tqis il-piena erogabbli.

Illi l-imputazzjonijiet numru wiehed (1) sa numru erba (4) (ravvizati bl-artikolu 337C(1)(a), (b), (c) u (f) tal-Kodici Kriminali) servew bhala mezz ai fini ghall-imputazzjoni numru hamsa (5), dik ravvizata bl-artikolu 337C(1)(j) tal-Kodici, dwar liema imputazzjonijiet qed tinstab htija.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet dan:[93]

11. Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

[93] **Il-Pulizija vs Anton Vassallo;** Per Onor Imhallef David Scicluna; Deciza 9 ta' Jannar, 2013; Appell Kriminali Numru. 324/2011

Gie deciz ukoll:[94]

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi dwar il-piena l-Qorti wara li qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, fejn il-piena erogabbli hi dik ta' *multa* ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-*multa* u priġunerija flimkien. Gie meqjus ukoll il-fatt li l-imputat igawdi minn fedina penali netta flimkien mal-fatt li taha servizz impekkabbli tul is-snin t'impjieg tieghu fi hdan il-Korp tal-Pulizija. Mill-

[94] **Il-Pulizija vs Massimo Abela**; Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 28.02.2018; Appell Numru 391 /2017

provi prodotti jidher li din kienet l-unika trasgressjoni ta' Sammut tul l-impjieg tieghu f'diversi oqsma tal-Korp li hadem fihom.

Jibqa' l-fatt li l-piena erogabbli ma ghandhiex tkun wahda vicin il-minimu u dan peress li ma ngiebu ebda cirkostanzi li jimmilitaw sabiex isir dan. L-imputat baqa' ma wera l-ebda rimors jew ghall-inqas xi forma ta' dispjacir għall-għemil tiegħu. It-trasgressjoni tal-imputat, xejn inqas minn surgent fi hdan il-Korp, kienet wahda serja fejn giet traduta il-fiducja li l-Korp ikun pogga' f'ufficjal minn tieghu izda *multo magis* giet traduta l-fiducja u s-serhan il-mohh tac-cittadin privat li bi dritt ghandu jistenna li dawk inkarigati bil-harsien tal-ligi ma jkunux huma li jiksruha. Rapporti li l-pubbliku jaghmel mal-Pulizija, forsi anonimament u forsi le, m'ghandhom qatt jispiccaw f'idejn terzi u disseminati gratwitament possibilment anke b'konsegwenzi ferm koroh ghal min ikun irrikorra lejn il-Pulizija jew minhabba li jhossu aggravat u jintieg l-ghajnuna taghhom jew semplicement sforz ta' dover civiku li ghandu jkollu kull wiehed u wahda minnha li jassigura li t-tessut socjali, mghasses kif mistoqq bi kwadru ta' ligijiet, ma jibqax jigi mcarrat u kkalpestat kif gie u lahaq b'impunita`.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 133, 141, 257, 337C(1)(a), 337C(1)(b), 337C(1)(c), 337C(1)(f) u 337C(1)(j) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tal-akkuzi kollha addebitati lilu, u tikkundannah ghal *multa* ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

Inolte` wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' elf u wiehed u disghin ewro u hamsin centezmu **(€1,091.50c)** rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna **l-konfiska** tal-mobile ghamla Samsung SM-J100h Galaxy.[95]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[95] **Dok. JC5**